MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 7(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, it-23 ta' Ġunju 2009, fil-5.30 p.m.

1. **<u>Preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**<u>Mhux preżenti</u> :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana (skużat) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Affarjiet Oħra

Minħabba li s-Sindku kien skużat, il-Viċi-Sindku mexxa l-laqgħa.

**2. <u>Qari tal-Minuti</u>**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 5(2009) u tal-laqgħa nru. 6 (2009) u dawn ġew approvati.

**3. <u>*Arising* mill-Minuti</u>**

**3.1** Dwar Para. 5.3 (ftehim mal-Marsaxlokk F.C.), il-Kunsill innota li meta s-Sindku kien għamel il-preżentazzjoni taċ-cekk lill-Kumitat tal-Marsaxlokk F.C., kien ikun xieraq kieku l-Membri kollha tal-Kunsill kienu mistiedna jkunu preżenti.

**3.2** Dwar Para. 8.1 (sejħa għal offerti għat-tindif tat-toroq urbani/mhux urbani), il-Kunsill qabel li ssir laqgħa nformali sabiex jiġu riveduti ir-rotot tal-kenniesa u l-frekwenza tat-tindif meħtieġ.

**4. <u>Korrispondenza</u>**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Il-Kunsillier Cassar aċċetta li jattendi s-seminar għall-Kunsilli Lokali dwar il-Wirt Kulturali u l-Att ta' Kurazija li kien ser isir nhar it-Tlieta, 7 ta' Lulju 2009.

**4.3** Rigward l-istedina tas-Sur Albert Farrugia (Manager Projects Enemalta) għall-preżentazzjoni nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2009, fl-4.00 p.m., dwar l-impjant ġdid li ser jinbena f'Delimara, il-Viċi-Sindku, il-Kunsillier Grech u l-Kunsillier Pomroy jaċċettaw l-istedina.

**4.4** Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien informa 'l Kunsill illi minn nhar it-Tnejn, 22 ta' Ġunju 2009, is-Sur Joe Demicoli, ħaddiem tal-IPSL assenjat mal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, kien ser jiġi trasferit biex jaħdem mal-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali. Il-Kunsill qabel unanimament li javża lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li taħt l-ebda ċirkostanzi ma xtaq li s-Sur Demicoli jerġa jiġi lura jaħdem mal-Kunsill.

**4.5** Il-Kunsill qabel unanimament li jipprovdi s-siġġijiet għall-Kunċert Vokali/Strumentali li ser isir fit-tieni tridu tal-festa, nhar il-Ħamis, 30 ta' Lulju 2009.

**4.6** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jinforma lis-Sur Ġanni Farrugia tal-Hydrorocks Construction Ltd li l-Kunsill kien sab inaċċettabbli x-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' wiċċ it-triq li kien sar fit-triq bejn Triq Barthelemy u Triq l-Ixprunara u f'salib it-toroq ta' Triq Santa Katerina ma' Triq Vittorio Cassar, ma' Triq San Ġużepp u ma' Triq Duncan. Jekk il-kuntrattur iħoss li għandhom isiru xi testijiet, dawn kellu jagħmilhom hu għas-spejjeż tiegħu. Il-kuntrattur kellu jingħata sa l-aħħar ta' Lulju 2009 sabiex ix-xogħol jerġa jsir għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

**5.** **Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**5.1** Ma kien hemm ebda kommunikazzjoni peress li s-Sindku ma kienx preżenti.

**6.** **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet**

**9.1** Il-Kunsillier Pomroy, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Agius & Agius | Kotba għal-Librerija | 207.17 |
| Allied Newspapers | Reklam - Laqgħa Annwali għall-Pubbliku | 90.45 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-ġonna ta' Port Ruman u ta' wara | |
| | l-iskola u tindif tax-Xatt 03.02.09 - 28.03.09 (X 22) | 563.64 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq Frar u Marzu 09 (X 9) | 157.23 |
| Anton Zarb | 2 X name poles Pjazza l-Madonna ta' Pompei | 759.61 |
| Anton Zarb | 2 X name poles Wesgħa Dun Ġużepp Caruana | 759.61 |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Apr u Mejju 09 (82hrs X €5.59/hr) | 458.38 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel u Petrol 16.05.09 | 47.32 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 05.06.09 | 41.30 |
| Cleansing Services Dept | Tindif ta' Triq it-Trunċiera | 472.00 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Mejju 09 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Mejju 09 | 163.45 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Mejju 09 | 626.39 |
| Data Protection Commissioner | Notification Fee 2009 | 23.29 |
| Digitone Computers | Tiswijiet tal- kompjuter tal-Librerija Pubblika | 27.48 |

| | | |
|---|---|---|
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Mejju 09 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Mejju 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Mejju 09 | 58.23 |
| G4S | Cash-in-transit Apr 09 | 45.38 |
| G4S | Cash-in-transit Mejju 09 | 30.26 |
| GO | 21652218, Kera Ġunju u Lulju 09 | 13.52 |
| GO | 21659555, Mejju 09 | 22.10 |
| GO | 21652525, Mejju 09 | 302.48 |
| GO | 21650937, Mejju 09 | 70.10 |
| GO | 21652392, Kera Ġunju 09 | 15.97 |
| Ġorġ Cassar | Tiswijiet ta' drenaġġ u fl-Uffiċċju Amministrattiv | 65.00 |
| Greenlines Env Services | *Mobile toilets* Jum San Girgor | 165.20 |
| Greenlines Env Services | *Mobile toilets* Laqgħa dwar l-inċineratur | 82.60 |
| I.V. Portelli & Sons Ltd | Tiswijiet tal-*grass cutter* u *chainsaw* | 57.15 |
| In Design | Qomos għall-uniformi tas-sajf | 183.73 |
| InServ | Boroż tal-plastik | 71.20 |
| JB Stores | Drapp għall-uniformi tas-sajf | 108.83 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet 17.06.09 | 36.00 |
| Jason Gauci | *Mobile Cards* Ġunju 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti Mejju 09 | 94.23 |
| Johanna Caruana | *Accountancy Services* Apr 08 - Mar 09 | 1678.00 |
| John Farrugia | 700 X CD tal-Innu ta' Marsaxlokk | 780.34 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Tabelli | 46.47 |
| Klikk Computer Store | HP Officejet Multifunction (Fax, scanner, photocopier) | 155.00 |
| MIB Insurance Brokers | Assikurazzjoni - Traders Combined | 1231.84 |
| MIB Insurance Brokers | Assikurazzjoni - Electronic Equipment | 206.22 |
| MIB Insurance Brokers | Assikurazzjoni - Group Personal Accident | 319.17 |
| MIB Insurance Brokers | Assikurazzjoni - Fidelity Guarantee | 128.12 |
| Maltapost | Bolol | 57.00 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 28.34 |
| Montebello Enterprises | *Windscreen* għall-vann tal-Kunsill | 544.24 |
| Nexos | Street Lighting Mejju 09 | 456.91 |
| Nexos | SLPM reporting system 2009 | 233.64 |
| Raymond Peregin | Ħjata ta' 9 pari qliezet tal-uniformi tas-sajf | 180.00 |
| Roc-a-go | Kiri ta' skip għall-ġardinar 05.06.09 | 54.97 |
| Schembri Concrete Blocks | 3 Kaptelli | 30.93 |
| Sergio Gafa' | *Service* ta' 4 *air conditioners* | 135.00 |
| Sigma | Żebgħa u *thinner* | 307.98 |
| Smart Office Supplies | Toner | 182.68 |
| Smart Office Supplies | Printer cartridges | 231.33 |
| Union Press | Avviż tal-Laqgħa Annwali | 54.94 |
| Valley Pet Shop | Bexx | 39.60 |
| Valley Pet Shop | Qsari | 185.00 |
| WasteServ | Bring-in-site bins Mejju 09 | 296.59 |
| | **Total** | **€18939.70** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**7. <u>Affarjiet Oħra</u>**

**7.1** Il-Viċi-Sindku kien irċieva lmenti li mall-moll viċin tal-*Power Station* kien kemm sellum li kien qasir wisq biex jintuża mill-għawwiema biex joħorġu mill-baħar. Is-Segretarju Eżekuttiv kellu jitlob id-Dipartiment ikkonċernat sabiex dan is-sellum jinbidel għal wieħed itwal.

**7.2** Il-Kunsillier Cassar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-ħtieġa li jsiru rampi fil-bankini f'kull kantuniera.

**7.3** Il-Kunsillier Pomroy talab lis-Segretarju Eżekuttiv jivverifika jekk kienx hemm permess tal-ADT għaż-*Zebra Crossings* eżistenti f' Xatt is-Sajjieda.

**8.** Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, l-14 ta' Lulju 2009 fil-5.30 p.m.

**Edric Micallef** **John Restall**
**Viċi-Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**